MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 306/2008

Kawza fil-lista: 65

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju,**
**u ghan-nom u fl-interess tal-minuri E F ;**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku ;**
**u l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Lilliana Buhagiar nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti G F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi l-attur ilu f' relazzjoni mal-konvenuta C D ghal dawn l-ahhar sentejn u ghadu f' din l-istess relazzjoni sal-gurnata tallum;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija tas-sess maskili nhar is-16 ta' Ottubru tas-sena 2007 liema tarbija nghatat l-isem ta' E;

3. U peress illi l-istess minuri kienet twieldet fiz-zmien meta kien ghadu fis-sehh iz-zwieg li kellha l-konvenuta C D ma' certu G F, l-istess tarbija giet registrata fuq isem l-istess konvenut G F minn ufficjali tar-Registru Pubbliku konvenut kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok. A li jgib in-numru ta' registrazzjoni 3584 tas-sena 2007;

4. Illi in forza ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti datata 4 ta' Settembru 2007 [recte: 28.04.08], iz-zwieg bejn il-konvenuti C D u G F gie dikjarat null u bla effett kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' sentenza markata Dok. B u Dok. C;

5. Illi kif ghadu jirrizulta mill-annessa sentenza, iz-zwieg ta' bejn il-konvenuti D u F kien wiehed ta' mera konvenjenza tant illi l-konvenuta D kienet stqarret li l-anqas biss kienet f' posizzjoni li taghraf lil zewgha;

6. Illi fiz-zmien tal-koncepiment tal-imsemmija tarbija sal-gurnata tallum, il-konvenuta D kellha u ghad ghandha biss relazzjonijiet intimi mal-attur u haddiehor;

7. Illi pero' sabiex tigi accertata minghajr ebda dubbju l-paternita' tal-istess tarbija, saru l-ezamijiet relattivi tad-DNA mnejn jirrizulta li l-probabilta' li l-attur huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri E F hija fil-persentagg ta' 99.9999% kif jirrizulta mill-anness certifikat markat Dok. D;

8. Illi barra minn hekk il-familjari, qraba u hbieb tal-attur u ta' C D ilkoll huma konsapevoli tal-fatt u jqisu lill-attur bhala tassew il-missier naturali tal-minuri;

9. Illi difatti anke l-istess attur, sa minn zmien it-twelid tal-imsemmija tarbija sallum dejjem qiesha, trattaha u rabbiha bhala ibnu u ghalhekk huwa ghandu interess li jigi debitament rikonoxxut legalment bhala l-missier naturali tal-istess tarbija;

10. Illi l-fatti hawn fuq espressi huma maghrufa personalment lill-istess rikorrent A B.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa fil-fatt il-missier naturali tat-tarbija E F li twieldet mir-relazzjoni li huwa kellu mal-konvenuta C D;

2. Tordna konsegwentement sabiex fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta numru ta' registrazzjoni 3584 tas-sena 2007 hawn anness markat Dok. A isiru l-korrezzjonijiet kollha relattivi u opportuni sabiex fil-kolonni kul fejn jidher isem u l-partikolaritajiet tal-konvenut G F bhala l-missier tat-tarbija tieghu dawn jigu korretti fis-sens illi jigu mhassra u minflokhom jitnizzlu isem u l-partikolaritajiet kollha ta' l-attur bhala l-missier naturali ta' l-istess tarbija;

3. Taghti kull provvediment jew ordni ohra li dina l-Onorabbli Qorti jkun jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz ghax ma kienux irrintraccjaw lill-assenti ;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-

testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu fl-ewwel lok jitlob li jigi dikjarat li l-intimat G F mhux il-missier naturali tal-minuri E F.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg li r-rikorrent jipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi l-intimati C D u G F.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett u l-kliem "the said" ghandhom jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' omm it-tarbija.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat li l-konvenuta C D debitament notifikata ma prezentatx risposta, izda fl-affidavit taghha ammettiet il-fatti allegati mill-attur fir-rikors guramentat, u kif ukoll it-talbiet tieghu ;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana, u l-Ispizjara Marisa Cassar ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

---

[1] Fols.12 *et seq.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E, li twieled mill-konvenuta C D fis-16 ta' Ottubru 2007 u li gie registrat fl-att tat-twelid tieghu numru 3584/07 bhala l-wild tal-konvenut G F, huwa fil-fatt il-wild naturali ta' l-attur.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-konvenuta C D, allura separata de facto minn ma' zewgha l-imsemmi G F, kienet dahhlet f' relazzjoni stabbli, u li ghadha ghaddejja sallum, ma' l-attur ; u minn din ir-relazzjoni twieled it-tfel E fis-16 ta' Ottubru 2007.

Illi l-konvenuta C D tikkonferma li fiz-zmien tal-koncepiment tat-tarbija sat-twelid taghha, hija kellha relazzjonijiet intimi ma' l-attur biss, u ghalhekk m' ghandhiex dubju li l-attur huwa l-missier naturali. Dan it-tezi tinsab korroborata mir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA maghmula minn fuq kampjuni mehuda minn fuq il-persuni tal-konvenuta C D, ta' l-attur u tat-tifel E, li jikkonfermaw li t-tifel E huwa l-wild naturali ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li t-tifel E F li twieled fis-16 ta' Ottubru 2007 mill-konvenuta C D, huwa l-wild naturali ta' l-attur ; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 3584/07, fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ikunu a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta C D proprio, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------